Il-Qorti Ġenerali wettqet żball proċedurali billi ma tatx lill-appellanti terminu li fih setgħet tippreżenta replika għar-risposta tal-appellata, minkejja t-talbiet immotivati tal-appellanti. Għaldaqstant id-dritt għal smigħ tal-appellanti ġie llimitat u d-dritt tagħha għal protezzjoni ġuridika ġie ppreġudikat, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li huma applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 għaliex fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni hija ma wettqitx evalwazzjoni globali tal-fatturi rilevanti kollha. Hija żbaljat meta mxiet fuq il-premessa li l-punti komuni kkonstatati bejn it-trade marks verbali kunfliġġenti kienu biżżejjed sabiex tqis li kienet teżisti probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tad-dritt dwar it-trade marks.

B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx biżżejjed inkunsiderazzjoni l-fatt li t-trade marks inkwistjoni kienu jikkonċernaw essenzjalment prodotti u servizzi relatati, fl-usa' sens, mas-saħħa tal-bniedem, u għal din ir-raġuni kien mistenni livell ogħla ta' attenzjoni mill-pubbliku kkonċernat. Il-konsumaturi jafu fiċ-ċert li, għall-ismijiet ta' trade marks li joħorġu min-nomenklatura kimika jew li huma ispirati minnha, anki l-inqas differenza tista' tkun determinanti. Barra minn hekk, il-livell ta' attenzjoni tal-konsumaturi huwa msaħħaħ bil-fatt li l-konfużjoni bejn prodotti jista' jkollha effetti spjaċevoli ħafna. Dan il-fatt minnu nnifsu diġà jippermetti li wieħed jibda mill-premessa ta' livell partikolari ta' attenzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali lanqas ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li t-trade marks verbali "Kids Vits" u "VITS4KIDS" juru differenzi importanti, għaliex ir-repetizzjoni fonetika tal-ismijiet tat-trade marks turi differenzi kunsiderevoli. Il-pronunzja tal-isem ta' trade mark hija essenzjali għat-tifkira tagħha li jżomm f'moħħu l-konsumatur, b'tali mod li, għal din is-sempliċi raġuni, diġà tista' tiġi eskluża l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni. Huwa minnu li jeżisti xebh viżiv, iżda l-kliem "Kids" u "Vits" huma mqiegħda f'pożizzjonijiet differenti fit-trade marks inkwistjoni u t-trade mark tal-appellata hija kkompletata b'sinjal supplimentari jiġifieri n-numru "4", li, bl-Ingliż, għandu jiġi ppronunzjat "for", fis-sens ta' "intiż għal"). Minbarra dan, iż-żewġ trade marks ikkunsidrati globalment jikkorrispondu għal żewġ sistemi differenti ta' ħolqien ta' ismijiet komposti, u dan, minnu nnifsu, diġà jiggarantixxi li huma jiġu distinti waħda mill-oħra.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Ordinario di Vicenza — Sezione distaccata di Schio — (l-Italja) fil-15 ta' Frar 2010 — Edil Centro SpA vs Electrosteel Europa sa

**(Kawża C-87/10)**

(2010/C 100/45)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Ordinario di Vicenza

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Edil Centro SpA

*Konvenuta:* Electrosteel Europa sa

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 44/01 ([1]), u, fi kwalunkwe każ, id-dritt Komunitarja, sa fejn dan jipprovdi li l-post tat-twettiq tal-obbligu, fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti, huwa l-post fejn l-oġġetti ġew kunsinjati jew suppost li kienu kunsinjati skont il-kuntratt, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-post tal-kunsinna, li huwa rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-qorti li għandha ġurisdizzjoni, huwa dak tad-destinazzjoni finali tal-oġġetti li huma s-suġġett tal-kuntratt jew dak fejn il-bejjiegħ iwettaq l-obbligu tiegħu ta' kunsinna, skont ir-regoli sostantivi applikabbli għall-każ partikolari, jew inkella, huwa possibbli li tingħata interpretazzjoni differenti tad-dispożizzjoni ċċitata?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42)

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale de Palermo (L-Italja) fil-15 ta' Frar 2010 — Assessorato del Lavoro e della Previdenza Sociale vs Seasoft Spa

**(Kawża C-88/10)**

(2010/C 100/46)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale de Palermo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Assessorato del Lavoro e della Previdenza Sociale

*Konvenuta:* Seasoft Spa.

**Domandi preliminari**

(1) Peress li l-iskema ta' għajnuna (identifikata bin-Nru NN 91/A/95) introdotta mir-Reġjun ta' Sqallija permezz tal-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali Nru 27, tal-15 ta' Mejju 1991, ipprovdiet mekkaniżmu għal sussidji għal numru ta' snin, minn minimu ta' sentejn sa massimu ta' ħames snin (sentejn għal reklutaġġ b'kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol u massimu ta' tliet snin fil-każijiet fejn dawn il-kuntratti nbidlu f'kuntratti għal żmien indefinit), il-Kummissjoni Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni Nru 95/C 343/11 tal-14 ta' Novembru 1995, li approvat l-implementazzjoni tal-iskema, kellha l-intenzjoni

— tawtorizza b'mod ġenerali tali applikazzjoni *ratione temporis* u ekonomika fir-rigward tal-benefiċċji (sentejn u tliet snin) jew, għal kuntrarju,

— tawtorizza, esklużivament u sussidjarjament, l-għoti ta' sussidji għar-reklutaġġ b'kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol (matul is-sentejn ta' tali kuntratti) jew l-għoti ta' sussidji għat-trasformazzjoni f'kuntratti għal żmien indefinit tal-kuntratti ta' ħaddiema li preċedentement kienu reklutati b'kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol (matul it-tliet snin b'effett mid-data tal-bdil)?

(2) It-terminu tas-sena finanzjarja 1997 għall-implementazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea bid-Deċiżjoni 95/C 343/11 tal-14 ta' Novembru 1995, fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-iskema introdotta mill-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali 27/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa:

— it-terminu għall-previżjoni inizjali tal-ispejjeż għal għajnuna li, fi kwalunkwe każ, għandha titħallas matul is-snin sussegwenti (skont l-interpretazzjonijiet differenti possibbli, iċċitati iktar 'il fuq, tal-għajnuna awtorizzata), jew pjuttost

— it-terminu finali għal ħlas materjali tas-sussidji stess mill-korpi reġjonali kompetenti?

(3) Fir-rigward ta' reklutaġġ b'kuntratt ta' taħriġ u ta' xogħol skont l-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali 27/91, li beda, pereżempju, fl-1 ta' Jannar 1996, u għalhekk matul il-perijodu ta' implementazzjoni tal-għajnuna stabbilit fid-Deċiżjoni 95/C 343/11, tal-14 ta' Novembru 1995, ir-Reġjun ta' Sqallija seta' (jew kellu) japplika konkretament l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni għas-snin kollha awtorizzati (jiġifieri sentejn flimkien ma' tliet snin), u dan anki meta, kif inhuwa l-każ fl-eżempju ċċitat iktar 'il fuq, l-implementazzjoni tal-iskema awtorizzata tinkludi l-ħlas materjali tas-sussidju sal-31 ta' Diċembru 2001 (jiġifieri, 1996 + ħames snin = 2001)?

(4) Il-Kummissjoni Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni 2003/195/KE [1] tas-16 ta' Ottubru 2002, li l-Artikolu 1 tagħha jipprovdi: "l-iskema ta' għajnuna li l-Italja għandha l-intenzjoni li timplementa skont l-Artikolu 11(1) tal-Liġi Reġjonali ta' Sqallija Nru 16, tas-27 ta' Mejju 1997, hija inkompatibbli mas-suq komuni. Għaldaqstant, l-iskema ma tistax tiġi implementata", kellha l-intenzjoni:

— tirrifjuta l-awtorizzazzjoni tal-iskema tal-għajnuna l-"ġdida" inkluża fl-Artikolu 11 tal-Liġi Reġjonali 16/97, peress li kkunsidrata bħala skema "awtonoma" intiża li testendi l-perijodu ta' implementazzjoni tal-għajnuna stabbilita mill-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali Nru 27/91 lil hinn mill-31 ta' Diċembru 1996, billi tinkludi wkoll l-ispejjeż tar-reklutaġġ u/jew ta' trasformazzjoni li saru fl-1997 u fl-1998, jew

— kuntrarjament, li effettivament tipprekludi r-Reġjun milli jqassam materjalment ir-riżorsi ekonomiċi, sabiex twaqqaf il-ħlas konkret tal-għajnuna mill-Istat stabbilita bl-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali Nru 27/91, anki għar-reklutaġġi u/jew it-trasformazzjonijiet li saru qabel il-31 ta' Diċembru 1996?

(5) Jekk l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun dik esposta fl-ewwel inċiż tal-punt 4, din id-deċiżjoni hija kompatibbli mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 87 tat-Trattat, invokata mill-Kummissjoni bħala bażi għal sitwazzjonijiet simili ta' eżenzjoni mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol imsemmija fid-Deċiżjoni 2000/128/KE [2] tal-11 ta' Mejju 1999 (dwar il-liġijiet tal-Istat Taljan u speċifikament imsemmija fil-motivi tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà tal-2002) u fid-Deċiżjoni 2003/739/KE [3] tat-13 ta' Mejju 2003 (li għandha bħala suġġett il-liġijiet tar-Reġjun ta' Sqallija)?

(6) Jekk l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun dik esposta fit-tieni inċiż tal-punt 4, liema interpretazzjoni għandha tingħata lid-deċiżjoni preċedenti ta' awtorizzazzjoni tal-miżuri tal-għajnuna, fid-dawl tat-tifsira doppja li tista' tingħata lill-aġġettiv "addizzjonali": "addizzjonali fir-rigward tal-baġit stabbilit bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni" jew "addizzjonali fir-rigward tal-finanzjament magħmul mir-Reġjun sal-baġit tal-1996 biss"?

(7) Fl-aħħar nett, liema għajnuna għandha tiġi kkunsidrata bħala legali u liema għajnuna għandha tiġi kkunsidrata bħala illegali skont il-Kummissjoni?

(8) Min mill-partijiet fil-kawża prinċipali (l-impriża jew id-direttorat reġjonali tax-xogħol) għandu l-oneru li jipprova li l-baġit stabbilit mill-Kummissjoni ma nqabiżx?

(9) Ir-rikonixximent eventwali favur impriżi benefiċjarji, ta' interessi legali għal ħlas tardiv tas-sussidji kkunsidrati legali u ammissibbli għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi evalwat jekk inqabiżx il-baġit awtorizzat inizjalment bid-Deċiżjoni 95/C 343/11 tal-14 ta' Ottubru 1995?

(10) Fil-każ fejn dan huwa inkluż fid-determinazzjoni ta' dan il-qbiż, liema rata ta' interessi għandha tiġi applikata?

[1] ĠU L 077, p. 57
[2] ĠU L 42, p. 1
[3] ĠU L 267, p. 29

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vestre Landsret (Id-Danimarka) fis-17 ta' Frar 2010 — Danfoss A/S u Sauer-Danfoss ApS vs Skatteministeriet

**(Kawża C-94/10)**

(2010/C 100/47)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Vestre Landsret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Danfoss A/S u Sauer-Danfoss ApS

*Konvenuta:* Skatteministeriet

**Domandi preliminari**

(1) Id-dritt Komunitarju jipprekludi lil Stat Membru milli jiċħad talba għal rimbors ta' impriża, li ġie mgħoddi lilha dazju tas-sisa impost kontra direttiva, fejn tali ċaħda, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża preżenti, hija bbażata fuq l-argument li ma hijiex l-impriża li ħalset id-dazju lill-Istat?

(2) Id-dritt Komunitarju jipprekludi lil Stat Membru milli jiċħad talba għal kumpens għad-danni ta' impriża, li ġie mgħoddi lilha dazju tas-sisa impost kontra direttiva, fejn tali ċaħda, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża preżenti, hija bbażata fuq argumenti invokati mill-Istat Membru (speċifikament, li l-impriża ma hijiex il-parti li sofriet id-danni direttament u li ma hemmx rabta kawżali bejn kwalunkwe danni u l-imġiba li ħolqot ir-responsabbiltà)?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein oikeus (il-Finlandja) fil-25 ta' Frar 2010 — Virallinen syyttäjä vs Malik Gataev u Khadizhat Gataeva

**(Kawża C-105/10)**

(2010/C 100/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Korkein oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Virallinen syyttäjä (prosekutur pubbliku)

*Konvenuti:* Malik Gataev u Khadizhat Gataeva

**Domandi preliminari**

(1) Kif għandha tiġi interpretata r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/85/KE (id-direttiva dwar il-proċeduri ta' ażil) [1] u d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] 2002/584/ĠAI [2], meta l-persuna li tintalab il-konsenja tagħha permezz ta' mandat ta' arrest Ewropew, li hija ċittadin ta' Stat terz, tkun applikat għall-ażil fl-Istat Membru li għandu jeżegwixxi l-mandat u fejn l-applikazzjoni għall-ażil għadha pendenti fl-istess żmien bħall-kawża dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest?